MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 465/2007

Kawza fil-lista: 29

**A Z**
**vs**
**B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponentiu l-intimat izzewgu civilmenta fid-19 ta' Mejju 2003 – Dok B esebit "animo ritirandi";

Illi l-kontendenti ma kellhomx il-fehma li joholqu rabta dejjiema tant li hekk kif spiccat ic-cerimonja t-tnejn li huma marru ghal rashom u qatt ma ghexu flimkien billi lanqas

dar fejn joqghodu ma kellhom u lanqas biss ikkunsmaw iz-zwieg;

Illi l-familjari ta' l-esponenti lanqas biss kienu jafu – u ghadhom ma jafux sallum – li hija ghamlet din ic-cerimonja tant li bhala xhieda l-intimat gab tnejn minn shabu;

Illi l-esponenti li dak iz-zmien kienet migduma mill-kilba ghad-droga llum fieqet u anki qed tattendi l-Giovanni Curmi Higher Secondary, in-Naxxar bit-tama li taghmel l-ezamijiet u tidhol l-universita';

Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onor. Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Mejju 2003 ikun dikjarat null u bla effett ai termini ta' l-Art. 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255.

Rat ir-risposta guramentata li biha rrispondiet li :

1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda ;

2. Illi z-zwieg li sehh bejn il-partijiet nhar id-19 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) mhux null stante li mhux minnu li dan kien b' xi mod vizzjat u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza ;

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fis-19 ta' Mejju 2003 huwa

null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed isostni li z-zwieg tieghu huwa validu, u li l-pretensjoni attrici hija nfondata.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fis-19 ta' Mejju 2003 meta allura, l-attrici, cittadina maltija, kellha 24 sena u l-konvenut, cittadin sirjan, kellu 27 sena; u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Kien il-konvenut li ppropona z-zwieg bejn il-partijiet,u dana peress li ried jakkwista l-freedom of movement f' Malta. L-attrici, li f' dak iz-zmien kienet kellha l-vizzju tad-droga, accettat, u l-partijiet kkuntrattaw zwieg civili fl-imsemmija data.

L-attrici tghid li ma kienitx qalet lill-familjari taghha b' dan iz-zwieg, u tghid ukoll li l-partijiet qatt ma kellhom x' jaqsmu sesswalment flimkien, la qabel iz-zwieg u lanqas wara z-zwieg. Kemm hu, kif ukoll hi, ma kellhomx l-intenzjoni li jikkonvivu flimkien f' hajja matrimonjali; u hekk kif sar iz-zwieg, il-konvenut telaq ghar-rasu u l-partijiet ma marrux joqghod flimkien. Kien wara ftit taz-zmien, li l-konvenut sab lill-attrici u talabha sabiex tiffirmalu xi karti mahruga mid-dipartiment ta' l-imigrazzjoni, izda hi kienet irrifjutat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm esternament huma ghaddew minn cerimonja ta' zwieg, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghhom huma eskludew obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali, senjatament dawk tal-konvivenza, u tal-prokreazzjoni tal-wild.

Dan premess u kkunsdirat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejniethom fis-19 ta' Mejju 2003.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------